**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 739/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius, Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Stacey Spiteri**

Illum 24 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Stacey Spiteri detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 354991(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli flimkien ma persuni oħra, nhar is-26 ta' Novembru 2021 għall-ħabta tas-1:30hrs minn ġewwa The Convenience Shop, fi Triq it-Tin, Qormi u f'dawn il-Gżejjer:

1. ikkommettiet serq, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu tal-ewro (232.93ewro), iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-ħin u bil-mezz għad-detriment ta' The Convenience Store u/ jew persuni/ entitajiet oħra.
2. U aktar talli fl- istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi ħassret jew għarrqet ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobbli u cioe' għamlet ħsara volontarja fuq bieb tal-ħanut msemmi, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2500), iżda jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250) għad-detriment ta' The Convenience Store u/jew entitajiet oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Novembru 2021 li wara li rat l-Artikoli 261(b), 261(c), u 261(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) u 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni,

sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħdet lill-imputata taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet (3) snin.

Rat illi l-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina iddenunzjat lill-appellanti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar is-26 ta' Jannar 2022 u dan peress illi hija kienet qed tonqos milli żżomm kuntatt mal-imsemmija Uffiċjal, kif ukoll naqqset milli tipprovdi indirizz tal-post fejn kienet qed tirrisjedi u dan wara li kienet sospiża mix-xelter ta emerġenza Dar Maria Dolores.

Rat s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Lulju 2023 li, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qieset illi kien ippruvat għas-sodisfazzjoni tagħha illi d-denunzjata naqset milli ssewgi l-kondizzjonijiet tal-Ordni ta' *Probation* moghtija lilha mill-Qorti fis-27 ta' Novembru 2021, itrattat mal-imsemmija Stacey Spiteri dwar ir-reati li tagħhom, fuq ammissjoni instabet ħatja daqslikieku għadha kemm kienet iddikjarat ħatja minn jew quddiem dik il-Qorti għall-istess reati, u filwaqt li reġgħet ikkonfermat l-ħtija, wara li rat l-artikoli 261(b), 261(c), u 261(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) u 17(h) ikkundannat lill-imsemmija Stacey Spiteri għal piena ta' 21 xahar priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stacey Spiteri ppreżentat fil-31 ta' Lulju 2023, fejn talbet lil din l-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza appellata tal-14 ta' Lulju 2023 u minflok tiddikjara illi l-Ordni ta' *Probation* għandha tibqa' fis-seħħ u għaldaqstant titneħħa l-kundanna għal piena karċerarja.

Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina, ta' Nicoletta Farrugia, rappreżentant Caritas, u Miriam Agius assistenta soċjali, kif ukoll ta' Dr. Rodianne Camilleri Agius.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa appell minn denunzja fejn l-Ewwel Qorti ittrattat mal-appellanti dwar il-ksur tal-Ordni ta' *Probation* imposta fuqha permezz ta' sentenza tas-27 ta' Novembru 2021, li sabitha ħatja tar-reat ta' serq aggravat u dak tal-ħsara volontarja. Fil-fehma tal-appellanti il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' wieħed u għoxrin xahar priġunerija hija waħda eccessiva, iktar u iktar meta jirriżulta illi l-appellanti wriet li għandha rieda tajba sabiex tegħleb il-problema ta' droga li hija afflitta minnha u allura l-Ordni ta' *Probation* kellha tibqa fis-seħħ sabiex hija tingħata l-opportunita' tirriforma ħajjitha. Tistqarr illi piena karċerarja mhijiex ser isservi sabiex hija tagħmel dan u b'hekk tegħleb il-vizzju tad-droga.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali fejn qrat ix-xhieda mogħtija fuq medda ta' disa' seduti mill-Uffiċjal tal-*Probation* quddiem l-Ewwel Qorti u qieset ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti illi wassluha sabiex titratta mal-ħatja għar-reati li dwarhom kienet giet misjuba ħatja, għal liema akkużi l-appellanti kienet irreġistrat ammissjoni u inħarrġet Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett snin fil-konfront tagħha.

Illi qieset ukoll l-iżviluppi li seħħew fil-mori ta' dan l-appell fejn l-appellanti spiċċat tqila u welldet tarbija. F'dan il-perijodu ta' żmien għalkemm inizjalment hija kienet għadha qed tgħix ħajja kaotika tant illi waqqfet issegwi program ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u wara spiċċat *homeless*, madanakollu bl-għajnuna ta' diversi professjonisti hija irnexxielha tikseb stabbilita' f'ħajjitha tant illi għamlet żmien residenti ġewwa l-isptar Mater Dei sakemm welldet it-tarbija u wara fuq xewqa tagħha stess marret tirrisjedi ġewwa id-*Female Dual Diagnosis Unit* fl-isptar Monte Carmeli.

Illi minn informazzjoni mogħtija kemm minn Miriam Agius, assistenta soċjali, kif ukoll l-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina, jidher illi l-appellanti ġiet allokata residenza mill-Gvern ġewwa Ħal Luqa u bi ħsiebha tirrisjedi f'dan il-post sakemm tiġi fuq sqajha, bit-tama li tkun tista' tibda trabbi lil binha, li bħal issa jinsab taħt *Care Order*. L-appellant ukoll tidher li qed iżżomm 'il bogħod mill-vizzji u qed turi inizjattiva biex tegħleb il-problemi li ħakmulha ħajjitha fosthom il-problema tad-droga, u problemi oħra ta' saħħa.

Jikkonsegwi għalhekk illi f'dan l-istadju ikun ta' ġid għall-appellanti illi l-Ordni ta' *Probation* jibqa' fuq saqajh u li l-piena ta' inkarċerazzjoni tkun revokata, bit-tama li l-appellanti tirriforma ħajjitha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellanti kienet misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha, iżda tvarja l-piena inflitta u minflok titratta magħha għar-reati li dwarhom kienet misjuba ħatja, wara li rat l-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannha ammenda ta' €50, u tordna li l-Ordni ta' Probation jibqa' fis-seħħ u jkun estiż għal sentejn oħra li jibdew jiddekorru mil lum.**

Edwina Grima

Imħallef

**Notifika urġenti: Direttur Probation Services**